MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2007

Numru 11111/2007

**Gaetano Abdilla**

**Versus**

**Kummissarju tal-Pulizija.**

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors ta’ Gaetano Abdilla (ID 255(M)) kkonfermat bil-ġurament u ppreżentat fir-Reġistru tal-Qorti ta’ Ġurisdizzjoni Kriminali fit-30 ta’ Jannar 2007.

2. Fir-rikors tiegħu Gaetano Abdilla allega li huwa kien bagħat kwerela fit-12 t’Ottubru 2002 fejn talab lill-Kummissarju tal-Pulizija jipproċedi kontra George Xuereb ta’ l-Għorfa, Triq l-Għoqod, Swieqi ai termini ta’ l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap 9. Minkejja l-kwerela l-intimat ma kienx beda proċeduri kriminali ai termini ta’ l-artikoli

msemmija. Huwa talab li din l-Onorabbli Qorti tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija biex iressaq lil George Xuereb.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi r-rikors promotorju, il-kwerela li kienet intbagħtet lill-Kummissarju tal-Pulizija fit-12 t'Ottubru 2002, il-kopja tal-konvenju tat-3 t'Awissu 1992, l-iskrittura datata 2 ta' Novembru 1993, l-iskrittura datata 7 ta' Diċembru 1993, l-iskrittura datata 5 ta' Mejju 1994, l-iskrittura datata 26 ta' Ġunju 1996, il-garanzija b'depożitu (a fol.12), u r-rikors a fol.24 ta' Gaetano Abdilla dwar li l-Qorti għandha tkun soddisfatta prima facie biss f'talbiet bħal dawn.

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Ikkonsidrat

**Dokumenti**

5. Mid-dokumenti esibiti jirriżulta li permezz ta' konvenju datat 3 t'Awissu 1992, George Xuereb għan-nom ta' G V Xuereb Limited kif debitament awtorizzat biegħ lil Gaetano Abdilla ż-żmien użufruttwali li kien fadal mill-perjodu oriġinali ta' 200 sena b'effett mill-21 ta' Frar 1960 tal-flat internament immarkat 12 formanti parti minn Borglan Buildings numru 13, 14, 14A u 14B Triq Għar il-Lembi, Sliema soġġett għaċ-ċens annwu u termporanju ta' Lm20.

6. Il-prezz kien ta' erbgħin elf lira Maltija li minnhom tħallsu Lm32,280 fuq il-konvenju u l-bilanċ kellu jitħallas meta jsir il-kuntratt.

7. Il-ftehim kien validu għal disa' xhur (sa l-4 ta' Mejju 1993) bil-venditur ikollu d-dritt jesiġi lura s-somma ta' Lm30,000 lill-kompratur flimkien ma somma ta' Lm250 kull xahar jew aprti minnu li tkun għaddiet mill-jum tal-konvenju u jekk il-venditur ma jagħmilx użu mill-option 'fuq' indikata f'dak il-każ il-kompratur ikollu d-dritt li jestendi l-konvenju b'sitt xhur oħra wara l-għeluq tad-disa' xhur awtomatikament (5 ta' Novembru 1993).

8. Fit-2 ta’ Novembru 1993, kien estiż il-konvenju sat-8 ta’ Diċembru 1993 u l-Kumpanija GV Xuereb Limited intrabtet li tħallas lil Thorngate Investments Limited is-somma ta’ Lm21,460 lira Maltija flimkien ma’ imgħax ta’ 8% fuq is-somma ta’ Lm9000 (disat elef lira Maltija).

9. Fis-7 ta’ Diċembru 1993, il-partijiet reġgħu ġeddew il-konvenju. (fol 7).

10. Fil-5 ta’ Mejju 1994, il-partijiet ġeddew il-konvenju sat-28 ta’ Diċembru 1994 u kkonfermaw il-kondizzjonijiet l-oħra kollha.

11. Skond skrittura tas-26 ta’ Ġunju 1996, il-partijiet rreferew għal skrittura datata 28 ta’ Diċembru 1994 u li kienet imġedda fil-5 ta’ Mejju 1995 u t-28 ta’ Ġunju 1996 u ġeddew il-ftehim sa l-aħħar t’Awwissu 1996 b’scelta għall-partijiet li l-ftehim jibqa’ jiġġedded b’xahrejn, xahrejn u bid-dritt għal Thorngate Limited li twaqqaf it-tiġdid billi tibgħat ittra reġistrata qabel it-8 ta’ Mejju 1997.

**Xhieda**

12. Fix-xhieda tiegħu Gaetano Abdilla spjega li huwa kien iltaqa’ ma’ awditur ta’ Grant Thornton liema awditur informa lix-xhud li George Xuereb kellu bżonn xi flus għax kien qed jaħdem fuq il-mina ta’ Santa Venera. Għal dan is-self kellu jagħmillu tajjeb bil-propjeta’. Jumejn wara sar il-ftehim imsemmi fejn Gaetano Vella kien ta lil George Xuereb Lm32,280.

13. Meta l-Qorti staqsiet lill-kwerelant jekk kinux reġgħu ġeddew il-konvenju war l-aħħar data, il-kwerelant wieġeb li George Xuereb beda jaħrablu. Il-kwerelant ikkonfemra li l-flus għadhom ma ngħatawx lura liluminn Geroge Xuereb. Il-kwerelant qal ukoll li l-propjeta’ in kwistjoni kienet l-oġġett ta’ konvenju bejn George Xuereb u persuna oħra u din il-persuna l-oħra kienet biegħet il-propjeta’ lil ħadd ieħor. George Xuereb kellu jagħtih somma oħra ta’ flus iżda l-kwerelant baqa’ mingħajr din is-somma wkoll. F’xi business ieħor li kien hemm bejn il-kwerelant u George Xuereb, il-kwerelant kien tħallas.

14. Il-Qorti staqsiet lill-kwerelant jekk qattx kien għamel xi ċitazzjoni kontra G Xuereb, il-kwerelant wieġeb li le u dan minħabba li sar jaf li l-post li kien issemma aktar ‘il fuq ma kienx ta’ Xuereb.

15. Il-kwerelant kien mar għand il-Pulizija fis-sena 2002 jew 2003. U minn dak in-nhar sa llum il-kwerelant ma deherlux li kien sar xi ħaġa oħra.

16. Il-kwerelant xehed li meta sar il-konvenju l-ewwel darba, G Xuereb kien informa lill-kwerelant li l-post kien għand ħadd ieħor. (fol.21). A fol.22 l-kwerelant xehed:

**‘U propjament għax GV Xuereb kien għamel xogħol lil tal-Big Ben, lil sid il-propjeta’, u dan parti mill-pagament kien dan l-appartament.’**

17. Il-kwerelant fehem li jew GV Xuereb kien ser jgħaddilu l-post jew inkella jagħtih il-flus lura. Hawn GV Xuereb kien jgħid lill-kwerelant sabiex jibqgħu jġeddu l-konvenju. (fol.22)

**Xhieda tal-Kummissarju**

18. Xehed l-Ispettur Joseph Cordina li kkonferma li l-kwerelant kien għamel rapport fil-25 t’Ottubru 2002 fejn kien talab lill-Pulizija tieħu passi kontra George Xuereb. Il-konvenju kien sar għaxar snin qabel u għalhekk ir-reat kien sar aktar minn 10 snin qabel ir-rapport. Il-preskrizzjoni, kif kienet dak iż-żmien kienet ta’ għaxar snin. Dak iż-żmien kien għadda 10 snin u xahar. Il-konvenju kellu jibqa’ jiġġedded. Kien jeżisti konvenju ieħor bejn Goerge Xuereb u l-Big Ben li kienu sejrin iħallsuh b’dan il-flat bħala xogħol.

19. Lill-kwerelant kien kellmu s-surġent ta’ l-Ispettur Cordina u l-kwerelant kien għarrafhom li kellu jieħu aktar minn Lm60,000 minn għand George Xuereb. Il-kwerelant ma kellux interess li jixtri l-flat u filfatt qatt ma kien rah u lanqas kellu xi ċavetta.

20. L-Ispettur Joseph Cordina xehed ukoll li hu kien kellem lil Xuereb fi Frar 2003. Xuereb kien stqarr li fil-business kien sejjer ħażin. Huwa kien ilu jissellef minn għand il-kwerelant sa minn ħames snin qabel l-1992. Kien jagħtih il-pagamenti iżda imbagħad beda jfalli fil-pagamenti. Il-kwerelant kien qal lil Xuereb biex jagħmlu garanzija u għalhekk kien sar dak il-konvenju. Xuereb kellu konvenju ma' ħadd ieħor u għalhekk seta' jagħmel il-konvenju li sar fl-1992. Għalhekk ma kien hemm ebda sinjal t'a frodi.

21. L-Ispettur Cordina kien kellem

(a) lill-kwerelant għal darb'oħra f'Marzu 2003 u l-kwerelant kien biddel il-verżjoni. Huwa beda jgħid li kien għadda l-flus lil Xuereb dak in-nhar tal-konvenju.

(b) lil-likwidatur Raymond Gatt li kien ressaq lis-sur Xuereb u lis-Sur Abdilla flimkien għax kien jaf li kien hemm xi loans bejniethom u li dawn kienu qed jitħallsu.

(ċ) Lin-Nutar Pierre Falzon li kien qallu li l-konvenju kien sar bħala l-garanzija tal-flus li kellu jieħu l-kwerelant.

22. L-Ispettur Cordina kien ikkonkluda li ma kienx hemm każ ta' frodi għaliex

(i) Il-flus ma ng[1]ħatawx dak in-nhar tal-konvenju;
(ii) Il-konvenju kien vera jeżisti; u s-Sur Xuereb seta' jagħmel konvenju ma ħadd ieħor.
(iii) Jekk kien hemm il-frodi din kienet preskritt;
(iv) L-Avukat Ġenerali kien ta parir ukoll kien diffiċli li l-fatti speċi jwasslu għall-prova ta' reat u li se mai kienet tqum il-kwistjoni tal-preskrizzjoni.

23. Għal mistoqsijiet mill-Avukat tal-kwerelant, l-Ispettur Cordina xehed li kien ċar li l-flus kienu għaddew qabel ma sari l-konvenju. Huwa żied jgħid li Renald Micallef kien jaf li kien hemm dan id-deals u kien jaf ukoll li kien qed isir

---

[1] Imħallef: Dr. A J.Montanaro Gauci p.1127 'Il-Pulizija versus Francesca Caruana' Qorti ta' l-Appell Inferjuri

dan il-ħlas minn ħafna qabel. Kien ukoll l-istess Xuereb li kkonferma li l-konvenju kien ġie mġedded.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

24. L-ewwelnett dwar il-fatti. Wara li fliet il-provi, il-Qorti hija moralment konvinta li l-flus msemmija fil-konvenju kienu fil-fatt jirrapreżentaw ħlasijiet li kienu saru qabel u li l-għan tal-konvenju kien biex il-kwerelant odjern ikollu forma ta' garanzija għall-flus li l-kwerelant kien diġa' sellef lil Xuereb. Ma joħroġx ċar jekk dan is-self sarx lill-kumpanija ta' Xuereb jew lil Xuereb personalment għalkemm fuq il-konvenju Xuereb deher għan-nom tal-kumpanija.

**Punt ta' Li[i. L-elementi tal-frodi**

25. Skond sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Inferjuri mogħtija fil-25 ta' Lulju 1953 (1), sabiex ikun hemm id-delitt ta' frodi:

***'huwa meħtieġ li jirrikorru l-element tal-qligħ, dak tal-qerq li bih permezz tiegħu sar il-qliegħ, u dak tal-ħsara ta' ħadd ieħor.***

***Imma biex ikun hemm dak il-qerq ma hemmx bżonn li jiġu adoperati raġġiri jew artifizji li jingannaw il-buona fede. Dawn ir-raġġiri jew artifizji ma humiex meħtieġa, billi biżżejjed kull qerq ieħor li jissorpendi l-buona fede tad-danneġġjat. Għaldaqstant anki d-dissimulazzjoni personali tista' tammonta għal qerq u mġiba frawdolenti meta tkun adoperata għall-finijiet ta' qligħ għad-dannu ta'ħadd ieħor, fil-każ ta' meta r-retiċenza għandha tkun eskluża.'***

26. Il-Qorti eżaminat bir-reqqa jekk kienx hemm l-element tal-qerq. Hawn il-qerq seta' sar billi fil-konvenju jkun hemm promessa fuq bejgħ ta' post li l-venditur ma setax jiddisponi minnu. Mix-xhieda (ara paragrafu 16) jirriżulta li l-kwerelant kien jaf li Xuereb jew il-kumpanija li taħgha

kien diretur kien għadu jrid jakkwista l-post in kwistjoni bħala ħlas li l-istess Xuereb kien għamel lil Big Ben. Għalhekk ma kien hemm ebda qerq dwar min kien verament sid tal-propjeta' li kienet tifforma l-oġġett tal-konvenju.

27. Il-Qorti hija aktar konvinta li l-flus kienu għaddew qabel u li l-konvenju kien qed iservi ta' forma ta' garanzija għall-pendenzi bejn Xuereb u l-kwerelant. Mill-provi jirriżulta li Xuereb kien qed jagħmel il-pagamenti sakemm imbagħad sab ruħu f'pożizzjoni li ma setax iħallas. Ma nġiebet ebda prova li Xuereb ġab ruħu f'din il-pożizzjoni biex ma jonorax il-ħlasijiet tiegħu li jidhru li kienu jammontaw għal kważi d-doppju tas-somma msemmija fuq il-konvenju.

28. Fin-nuqqas ta' tali prova huwa ferm diffiċli li fil-kamp kriminal, fejn il-prova trid tkun lil hemm minn kull dubju raġonevoli, jista' jkollok l-elementi tal-frodi li fuqhom il-Kummissarju seta' jimxi. In-nuqqas ta' adempjenza ma' l-obbligazzjonijiet kontrattwali mhux dejjem ifisser li wieħed ikun għamel frodi. Jinħtieġ ta' lanqas il-prova tal-qerq deliberat. Fil-fehma tal-Qorti dan l-element ma kienx ippruvat mill-kwerelant. Altru tipprova li somma ta' flus li int għaddejt lil ħadd ieħor ma tradditx lura u altru tipprova li min naqas li jħallas għamel hekk bil-qerq.

29. Lanqas ma hemm l-iċken ħjiel ta' qerq fl-iskrittura sussegwenti li fejn waħda minnhom (2 ta' Novembru 1993) tirreferi għal somma oħra dovuta u li għalhekk l-għan ewlieni ta' dawn l-iskritturi jidher li kien li jkunu ppreservati l-pendenzi ta' bejn il-kwerelant u George Xuereb jew bejn is-soċjetajiet li tagħhom huma diretturi.

**Il-Preskrizzjoni**

29. Il-Qorti qieset ukoll il-kwistjoni tal-preskrizzjoni. L-abbli difensur tal-kwerelant ssottometta li l-konvenju kien baqa' jiġġedded sa l-1996.

30. Il-Qorti eżaminat din is-sottomissjoni wkoll. Fil-fehma tal-Qorti ġaladarba qed ikun allegat li l-konvenju ta' l-1992

kien sar b'qerq, huwa din id-data li wieħed għandu jqis għall-finijiet ta'preskrizzjoni. Il-fatt li l-konvenju kien imġedded ma jfissirx li 'l-allegat reat' sar kontinwat jew permanenti. Dan mhux xi bini jew serq konsistenti tad-dawl u ta' l-ilma. Għalhekk id-data li għandha titqies hija dik oriġinali. Huwa wkoll diffiċli li tintlaqa' s-sottomissjoni li l-kwerelant baqa' 'jitqarraq' sussegwentement, aktar u aktar meta wieħed iqis li l-kwerelant huwa negozjant u li żgur kien jaf dwar il-likwidita' o meno ta' George Xuereb.

31. Dwar il-preskrizzjoni, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet iddeċidiet hekk:[2].

***'Id-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid li l-preskizzjoni ta' l-azzjoni kriminali hija sospiża meta l-ħati mhux magħruf ma hix applikabbli meta l-ħati jibqa' mhux magħruf jew għaliex dak li bi ħsara tiegħu sar xi delitt ikun wera nuqqas kolpoveli ta' viġilanza biex jiskopri l-ħati jew għaliex tkun uriet dan in-nuqqas kolpevoli l-Pulizija; imma tibqa' applikabbli meta l-ħati jkun magħruf f'sens ġenerali u obbjettiv.'***

32. Fil-każ odjern ried ikun bilfors il-kwerelant li jgħarraf lill-Pulizija b'dak li kien qed jiġri (dejjem jekk verament kien seħħ ir-reat). Il-Pulizija ma tistax tkun taf x'għaddej bejn il-partijiet bejn persuni privat. Mill-provi miġjuba jidher li l-kwerelant kiteb lill-Pulizija fit-12 t'Ottubru 2002 meta l-konvenju kien sar fit-3 t'Awwissu 1992. Jekk wieħed jara d-dispożizzjonijiet fl-artikoli 308, 309, u 688(ċ) tal-Kap 9, jirriżulta li jekk sar r-reat dan kien preskritt. Skond l-artikolu 694 tal-Kap 9, il-Qorti trid tqajjem il-każ ta' preskirzzjoni ex-ufficio u l-imputat ma jistax iċedi l-preskrizzjoni.

33. Isegwi li l-Qorti qed tiċħad it-talba tal-kwerelant sabiex jittieħdu passi kontra George Xuereb.

[2] Appelli Kriminali 3 ta' Frar 1947 Imħallef: L-Onor.Dr.W.Harding 'Il-Pulizija versus Mikiel Agius' Part IV paġina 588.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------